Nru./No. 21,740
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 26 ta' Ottubru, 2026
Monday, 26th October, 2026

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Proklama tal-President ta' Malta 18,217
Proclamation by the President of Malta *18,217*

Avviżi tal-Pulizija 18,218
Police Notices *18,218*

Avviżi tal-Qorti ..... 18,218 - 18,220
Court Notices ..... *18,218 - 18,220*

Anno Domini 2026 Nru. VI

Proklama

MILL-PRESIDENT TA' MALTA

(L.S.)

(Iff.) Miriam Spiteri Debono
President

BILLI bis-saħħa tal-artikolu 2 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Erarju (Kapitolu 62), huwa provdut li kull meta jingħata avviż minn Ministru lill-Iskrivan tal-Kamra tad-Deputati ta' Abbozz ta' Liġi dwar l-impożizzjoni ta' dazju ġdid jew dwar żieda ta' dazju li diġà hemm, dan id-dazju ġdid jew din iż-żieda ta' dazju għandhom jittieħdu u jinġabru mill-Awtorità li tiġi stabbilita fl-Abbozz minn dakinhar li tiġi maħruġa Proklama biex tgħarraf li ħareġ avviż kif jingħad hawn fuq;

JIENA, GĦALHEKK, qiegħda b'dan nipproklama illi avviż ta' Abbozz ta' Liġi msejjaħ Att biex jimplimenta diversi miżuri tal-Estimi Finanzjarji għall-2027 u miżuri amministrattivi oħra u li għandu bħala skop l-impożizzjoni ta' dazji ġodda u ż-żieda ta' dazji eżistenti ġie mogħti mill-Ministru għall-Finanzi lill-Iskrivan tal-Kamra tad-Deputati u li kopja ta' dak l-Abbozz ġiet ippreżentata għand l-Iskrivan tal-Kamra tad-Deputati;

Iżda mingħajr preġudizzju għad-dħul fis-seħħ minnufih ta' din il-Proklama għar-rigward ta' kull ħaġa li hemm ipprovdut li dwarha data aktar tard hi provduta fl-Abbozz għall-bidu fis-seħħ, din il-Proklama għandha tibda fis-seħħ fir-rigward ta' dik il-ħaġa fid-data kif provdut fl-Abbozz.

Magħmula fil-Palazz, il-Belt Valletta, illum 26 ta' Ottubru, 2026.

B'Awtorità,

(Iff.) Robert Abela
Prim Ministru

Anno Domini 2026 No. VI

Proclamation

BY THE PRESIDENT OF MALTA

(L.S.)

(Sd) Miriam Spiteri Debono
President

WHEREAS by virtue of article 2 of the Revenue (Safeguard) Act (Chapter 62), it is provided that whenever notice is given by a Minister to the Clerk of the House of Representatives of a Bill having for its object the imposition of a new duty or the increase of an existing duty, such new duty or increase of duty shall be levied and collected by the Authority designated in the Bill as from the day on which a Proclamation is issued to the effect that the said notice has been given;

NOW, THEREFORE, I do hereby proclaim that notice of a Bill entitled An Act to implement Budget measures for the Financial Year 2027 and other administrative measures and having as its object the imposition of new duties and the increase of existing duties, has been given by the Minister for Finance to the Clerk of the House of Representatives and that a copy of such Bill has been filed with the Clerk of the House of Representatives;

Provided that without prejudice to the immediate coming into force of this Proclamation with respect to any matter in respect of which a later date is provided in the Bill for its coming into force the present Proclamation shall come into force with respect to such matter as from the date provided in the Bill.

Made at The Palace, Valletta, this 26th day of October, 2026.

By Authority,

(Sd) Robert Abela
Prime Minister

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 250

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

L-Imsida

Nhar il-Erbgħa, 28 ta' Ottubru, 2026, mid-9.00 a.m. sal-4.00 p.m., miż-żewġ naħat ta' Triq il-Baċir minn Triq Bordin sa Triq il-Barriera.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-26 ta' Ottubru, 2026

POLICE NOTICE

No. 250

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Msida

On Wednesday, 28th October, 2026, from 9.00 a.m. to 4.00 p.m., through both sides of Triq il-Baċir from Triq Bordin to Triq il-Barriera.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

26th October, 2026

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2787

Permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' Awwissu, 2026, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Numru 227/2024CSZ fl-ismijiet Tyndall Laura Christina vs Caruana Dr Mario et noe, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Tyndall Laura Christina a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Permezz ta' risposta fl-ismijiet Tyndalla Laura Christina (KI 0235743) vs Caruana Dr Mario et noe fl-atti tar-rikors Numru 227/2024CSZ, ippreżentata fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fid-1 ta' Lulju, 2026, ir-rikorrenti David Callender (Passaport Amerikan 650935331 rappreżentat mill-mandatarju l-Av. Paul Radmilli (KI 0031577M) eċċepixxa dawn l-eccezzjonijiet għat-talbiet tal-attrici sabiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Mingħajr preġudizzju għall-ewwel kontrotalba, fl-ewwel lok l-intimat jitlob lil Onorabbli Qorti li tiċħad

By means of a decree of the 7th August, 2026 of the Civil Court (Family Section), in the records of the application in the names Tyndall Laura Christina vs Caruana Dr Mario et noe, Application Number 227/2024CSZ, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Tyndall Laura Christina in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

By means of a reply in the names Tyndall Laura Christina (ID 0235743) vs Caruana Dr Mario et noe, in the acts of the application number 227/2024CSZ filed in the Civil Court (Family Section), on the 1st July, 2026, the respondent David Callender (American Passport 650935331) represented by his mandatory Adv. Paul Radmilli (ID 0031577M) requested these exceptions for the pleas of the applicant so that this Honourable Court:

1. Without prejudice to the first counterclaim, the respondent respectfully requests this Honourable Court to

l-ewwel talba billi tiddikjara li l-kura u kustodja tal-minuri tibqa' konġunta bejn iż-żewġ ġenituri;

2. Mingħajr preġudizzju għall-ewwel kontrotalba, fit-tieni lok jintalab umilment ukoll li l-Onorabbli Qorti tiċħad il-proviso tat-tieni talba fis-sens li ma hemmx l-estremi li l-aċċess ikun superviżjonat mill-omm, mill-bqija tat-tieni talba ma hemmx oġġezzjoni li t-tfal għandhom jirrisjedu primarjament mal-attriċi filwaqt li l-esponet intimat ikollu aċċess effettiv lejn iż-żewġ minuri;

3. Mingħajr preġudizzju għall-ewwel kontrotalba, fit-tielet lok l-esponent m'għandux oġġezzjoni għat-tielet u r-raba talba.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra l-attrici li hija minn issa mħarrka sabiex tidher għas-subizzjoni.

Il-konvenut qed iressaq ukoll l-kontro-talbiet tiegħu u għalhekk qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tordna li jerggħu jinfetħu l-proċeduri ta' medjazzjoni u dan stante il-fatt illi ma kienx hemm ftuħ ta' medjazzjoni ġenwina kif tirrikjedi l-liġi qabel ma jinfetħu dawn il-proċeduri u dan anke tenut kont li jista' facilment jintlaħaq ftehim bonarju fuq il-mertu tal-każ odjern.

2. Tordna li l-esponent għandu jingħata pendente lite ħinijiet ta' aċċess kull gimgħa sabiex ikollu aċċess mat-tfal tal-partijiet permezz ta' komunikazzjoni remota.

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi li hija minn issa mħarrka sabiex tidher għas-subizzjoni.

Il-kawza fl-ismijiet Tyndall Laura Christina vs Caruana Dr Mario et noe (Rik Nru 227/2024CSZ) hija differita għat-2 ta' Novembru, 2026 fl-10.30 a.m.

Intimat: Av. Paul Radmilli, Mifsud & Mifsud Advocates, 123, Triq Melita, Valletta VLT 1123

Notifika – Tyndall Laura Christina, Eureka Mansions, Blk D, Fl 11, Triq il-Hamra, San Pawl il-Baħar

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni Familja), illum, 22 ta' Ottubru, 2026.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

reject the first claim and declare that care and custody of the minors shall remain jointly vested in both parents;

2. Without prejudice to the first counterclaim, the respondent further requests this Honourable Court to reject the proviso the second claim insofar as there are no grounds for access to be supervised by the mother. Save for this objection, the respondent has no objection to the children residing primarily with the plaintiff, whilst the respondent is granted effective access to both minors;

3. Without prejudice tot he first counterclaim, the respondent has no objection to the third and fourth claims.

Saving any further exceptions.

With costs against the plaintiff, who is hereby summoned so that a reference to her oath be made.

The respondent is instituting his own conterclaims and thus he is requesting this Honourable Court to:

1. Order the reopening of mediation proceedings, given that no genuine mediation process, as required by law, took place before these proceedings were instituted, particularly considering that an amicable settlement on the merits of the present case could readily be reached.

2. Order that, pending final determination of the case (pendente lite) the respondent be granted weekly access to the parties children through remote communication.

With costs against the plaintiff, who is hereby summoned to appear for examination.

The application in the names Tyndall Laura Christina vs Caruana Dr Mario et noe (Application Number 227/2024CSZ) has been postponed for hearing to the 2nd November, 2026 at 10.30 a.m.

Respondent: Av. Paul Radmilli, Mifsud & Mifsud Advocates, 123, Triq Melita, Valletta VLT 1123

Notification – Tyndall Laura Christina, Eureka Mansions, Blk D, Fl 11, Triq il-Hamra, San Pawl il-Baħar

Registry of the Civil Courts (Family Section), today, 22nd October 2026.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2788

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-2 ta' Ottubru 2026, Rikors numru 936/2026, minn Emmanuel Magro Conti et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Emmanuel Magro Conti zewg id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Daniela Magro Conti u Rebecca Magro Conti ulied id-decujus fi kwoti ndaqs bejniethom is-successjoni ta' Mary-Anne Magro Conti, mart Emmanuel Magro Conti, bint il-mejjet Alfred Saliba u Pauline Saliba née Theuma, imwielda Ħ'Attard, Malta, kienet residenti il-Ħamrun, Malta u mietet l-Imsida, Malta fis-27 ta' Lulju, 2026 ta' 56 sena u li kellha karta tal-identità numru 022170(M).

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum, 22 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 2nd October, 2026, Application number 936/2026 by Emmanuel Magro Conti et, whereby they requested that it be declared open in favour of Emmanuel Magro Conti husband of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivieded share in favour of Daniela Magro Conti and Rebecca Magro Conti, children of the decujus in equal shares between them the succession of Mary-Anne Magro Conti, wife of Emmanuel Magro Conti, daughter of the late Alfred Saliba and Pauline Saliba née Theuma, born in Ħ'Attard, Malta, resided in Ħamrun, Malta and died in Msida, Malta on the 27th July, 2026 aged 56 and who held identity card number 022170(M).

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today, 22nd October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2789

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-12 ta' Ġunju, 2026, Rikors numru 552/2026, minn Vincent Micallef, fejn insegwitu tar-rikors Elena sive Lilly Micallef, imwielda Birkirkara, Malta fl-1 ta' Awwissu, 1940 ta' 86 sena residenti f'Dar Santa Katerina, Ħ'Attard, Malta u li għandha karta tal-identita numru 539440(M) ġiet interdetta mill-atti kollha tal-ħajja ċivili permezz ta' digriet mogħti fl-1 ta' Ottubru, 2026.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum, 22 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 12th June, 2026, Application number 552/2026, by Vincent Micallef, whereby following the application Elena sive Lilly Micallef, born in Birkirkara, Malta on the 1st August, 1940, aged 86, residing at Dar Santa Katerina, Ħ'Attard, Malta and holding identity card number 539440(M), was interdicted from all the acts of the civil life by means of a decree given on the 1st October, 2026.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today, 22nd October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603